**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Joseph Mifsud B.A. (Legal & Int. Rel.), B.A. (Hons), M.A. (European), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Aaron Guazzo**

Numru: 67/2019

Illum 21 ta' April 2021

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-imputat **Aaron Guazzo,** ta' tmienja u tletin (38) sena, iben Joseph u Mary Grace nee` Cassar, imwieled Pieta', Malta nhar il-15 ta' Frar 1981, residenti fil-fond 'Sardinella', Block 1, Flat 7, Triq Fredu Abela, Fgura, Malta u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 113681(M), akkużat talli nhar it-3 ta' Awwissu 2019, f'xi ħin għall-ħabta ta' 00.30a.m. waqt li kien fil-bajja ta' Ramla, limiti tan-Nadur, Għawdex u/jew fil-viċinanzi;

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddiehor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioe` offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' ex-sieħba Tiziana Maria Grima, hekk kif iċċertifika Dr. Frank Casha M.D. Reg. No. 3393 u dan ai termini tal-Artikoli 214, 216, 218 u 222 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, ħin, data u ċirkustanzi hedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil ex-sieħba tiegħu Tiziana Maria Grima u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita mil-liġi, jekk jidrilha xieraq, tipprovdi għas-sigurta' ta' ex-sieħba Tiziana Maria Grima u terzi persuni sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' flus li tiġi ffissata mill-Qorti;

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba illi minn issa tipprovdi għall-garanzija ta' ex-sieħba tiegħu Tiziana Maria Grima u l-familja tagħha skont Artikolu 412 (C) tal-Kapitolu 9 tal-Kodiċi Kriminali;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali (*a fol.* 125 u 126) datata 20 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha bagħat lill-imputat Aaron Guazzo biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali kif maħsub taħt:

(1) fl-Artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2), 222(1)(a) u 202(h) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(2) fl-Artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(3) fl-Artikoli 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi, waqt l-udjenza tas-26 ta' Novembru 2020 (*a fol.* 127 u 128), ġew moqrija l-Artikoli mibgħuta mill-Avukat Ġenerali fl-20 ta' Novembru 2020, u f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat u deċiż minn din il-Qorti bi proċedura sommarja;

Rat illi, waqt is-seduta tas-26 ta' Novembru 2020 il-Prosekuzzjoni nfurmat lill-Qorti li ma kellhiex aktar provi xi tressaq f'dan il-każ u b'hekk għalqet il-provi tagħha;

Rat illi, waqt is-seduta tal-4 ta' Frar 2021, il-Qorti kkonċediet żmien lill-Prosekuzzjoni, lill-parte civile u lid-difiża sabiex jipprezentaw is-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub;

Rat illi l-parte civile ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fl-4 ta' Marzu 2021;

Rat illi l-Prosekuzzjoni ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fil-11 ta' Marzu 2021;

Rat illi d-difiża ppreżentat is-sottomissjonijiet tagħha bil-miktub fl-24 ta' Marzu 2021;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment u d-dokumenti esibiti.

**Il-fatti dwar il-każ**

F'dan il-każ jirriżulta li l-imputat Aaron Guazzo u Tiziana Maria Grima fil-lejl ta' bejn it-2 u t-3 t'Awwissu 2019, attendew attivita' li kienet qegħda tiġi orginazzata fil-bajja tar-Ramla, fil-limiti tan-Nadur Għawdex. Dawn iż-żewġ persuni kienu għal xi żmien f'relazzjoni u kienu għadhom kif temmew ir-relazzjoni ta' bejniethom. Fl-ewwel seduta tal-każ il-parte civile kienet għadha mhix ċerta jekk xtaqitx tixhed jew le fil-konfront tal-ex maħbub tagħha u jidher li hi kienet għadha mweġġa' għax ma talabiex skuża dwar l-inċident. Il-Qorti ngħatat x'tifhem li seta' kien hemm ċans li l-problemi ta' bejniethom setgħu jitranġaw. Wara l-ewwel seduta s-sitwazzjoni nbidlet għal kollox għal waħda ta' konfront.

Mill-provi jirriżulta li f'dak il-lejl, x'hin spiċċat l-attivita' u kienu sejrin lejn id-dar huma ltaqghu ma' xulxin u kien f'dak il-ħin li nqala' l-argument bejn iż-żewġ partijiet. L-imputat jgħid li l-parte civile għamlitlu ħsara fuq il-vettura tiegħu u qam l-argument bejniethom.

Waqt dan l-argument inkisret tazza li kellha f'idejha Tiziana Maria Grima bil-konsegwenza li din ikkaġunatilha ġriehi f'idejha. Kif ġraw l-affarijiet hemm verżjoni kunfliġġenti bejn iż-żewġ partijiet fis-sens, li Tiziana Maria Grima baqgħet tinsisti li Aaron Guazzo kien kisser it-tazza li kellha f'idejha, x'ħin għaffsilha jdejha. Minn naħa tiegħu Aaron

Guazzo ċaħad li hu faqgħa t-tazza f'idejn Tiziana Maria Grima, u stqarr li din inkisret x'ħin Tiziana Maria laqtitu bit-tazza f'idu. Hu qal li dak il-ħin weġġa wkoll kawża tal-ħġieġ li nkiser.

Illi fix-xhieda tiegħu l-espert Dr. Edward Cherubino M.D. li kien it-tabib maħtur minn din il-Qorti kkonferma li l-ġrieħi li soffriet Tiziana Maria Grima huma permanenti.

**XHIEDA**

F'dan il-każ xehdu għaxar (10) xhieda:

*Dr. Frank C. Casha M.D. (a fol. 10 et seq.), Tiziana Maria Grima (a fol. 13 et seq.), Spettur Bernard Charles Spiteri (a fol. 16 et seq.), Joseph Guazzo (a fol. 33), Tiziana Maria Grima (a fol. 44 et seq. ), Abigail Cutajar (a fol. 64 et seq.), Josianne Brincat (a fol. 84 et seq.), Dr. Edward Cherubino (a fol. 97 et seq.), l-imputat Aaron Guazzo (a fol. 129 et seq.) u PC 75 Kevin Saliba (a fol. 145 et seq.).*

**KUNSIDERAZZJONIJIET ĠENERALI**

**Preliminari**[1]

Din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jiġu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha u li jkunu magħmula mill-

[1] Il-Qorti qegħda tibbaża din l-ewwel parti fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Maġistrat Aaron Bugeja fil-kawża il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deċiża fil-5 ta' Frar 2016

Prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jinġiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-proċedura ma jistgħux jiġu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jiġu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiża ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tiġi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jinġiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu ġew miktuba u preżentati quddiemha mill-Pulizija Eżekuttiva jew skont kif ikunu ġew miżjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkużatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irriżulta matul il-kors tal-proċess penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn ċertu ġurisprudenza fir-rigward tal-proċedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' ġurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' preġudizzju għall-proċeduri penali u għad-drittijiet tad-difiża.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull każ huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Liġi u fil-Liġi. Din il-Qorti ma għandhiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeċiedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidħlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodiċi Kriminali.

**Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Ċivili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura ċivili li m'humiex previsti mill-Kodiċi Kriminali bħala li jistgħu jiġu emanati minn Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.**

F'kull każ pero', stante li din hija Qorti ta' Ġudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk quddiemha huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-każ tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinċiment morali u suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni. Mill-banda l-oħra jekk id-difiża tagħżel li tressaq xi provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-każ, huwa biżżejjed għad-difiża li tikkonvinċi lil Qorti bit-teżi tagħha fuq bażi ta' konvinċiment morali li jistrieħ fuq bilanċ ta' probabbilta' u f'każ li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħosshiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huwa prinċipji kardinali li jsawru l-proċediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bażilari li jistrieħ fuqhom il-proċediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiġġudika dan il-każ skont l-akkuża li ġiet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawża intrapriża mill-Prosekuzzjoni u tiddeċiedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni preżentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>Il-verita' storika</u>**[2]

L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita` storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, a maggior ragione, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwassluh għall-dik il-verita`. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita` storika mit-testimonjanza tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta` u s-setgħa li tidħol fil-profondita` tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza

[2] Ara spjega dettaljata tal-Imħallef Aaron Bugeja fl-Appell Kriminali numru 237/2017 Il-**Pulizija vs Massimo Bonello** deċiż 6 ta' Frar 2020

ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Cioe` li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvija lill-Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita`.

Il-Liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali mnissla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

Dawn il-provi pero` jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, cioe` l-***Law of Evidence***. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita`, din ix-xhieda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi

prodotta xhieda esperta ex parte. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarrku bħal xhieda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xhieda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarrġa minnhom u li fuqhom ikunu bbażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xhieda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xhieda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero` li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xhieda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero`, jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xhieda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[3] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jittresqu quddiemha.

[3] **R v Majid**, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2

Il-grad ta' suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbiltajiet. Fil-każ Ingliż **Majid**,[4] Lord Moses stqarr hekk :

*Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.*

Inoltre, fil-ktieb tagħhom **The Modern Law on Evidence**, Adrian Keane u Paul McKeown[5] jgħidu s-segwenti :

*In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.*

[4] ibid.

[5] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja ntlaħaqx din il-Qorti trid, inter alia, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637[6] tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imressqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

Biss, kif intqal aktar 'il fuq, hija l-Liġi stess li, qabel xejn, tafda dan l-eżerċizzju f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati, u dan peress li l-Qorti tal-Maġistrati tkun fl-aħjar qagħda tqis il-provi kollha għax tkun għexet personalment il-proċess quddiemha. Hija setgħet tara u tisma' lix-xhieda jixhdu quddiemha. Dan l-eżerċizzju ta' analiżi tax-xhieda huwa

[6] Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida ċara lill-Ġudikant kif għandu japprezza xhieda ta' xhud: *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xhieda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.*

mħolli prinċipalment f'idejn il-Qorti tal-Maġistrati li tkun rat u semgħet dawn ix-xhieda quddiemha u għalhekk l-eżerċizzju tal-analiżi u apprezzament tal-provi mill-Qorti tal-Maġistrati stess huwa eżerċizzju importanti ħafna u għandu jingħata l-piż li jixraqlu.

Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża Il-**Pulizija vs Lorenzo Baldacchino** deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bzonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara **Powell, On Evidence**, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Inglizi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "*great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived*" (idem, p. 700), appuntu għaliex "*he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*".

**Ikkunsidrat:**

Kif diġa' ddikjarat aktar 'il fuq kuntrarjament għall-kamp ċivili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wieħed pjuttost oneruż fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni għandha l-obbligu

li hija tressaq l-aħjar prova biex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan għaliex kif jgħid il-**Manzini** fil-ktieb tiegħu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, paġna 234, Edizione 1890): *"Il cosi` detto onero della prova, cioe` il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit"*.

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronunċjamenti preċedenti, sabiex imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjoni dedotta għandha tiġi pruvata *oltre* kull dubju raġjonevoli, cioe` oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti tagħmilha ċar li mhux kull iċken dubju huwa biżżejjed sabiex l-imputat jiġi ddikjarat liberat, hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*. F'sentenza oħra mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning** fil-każ **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatt li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'għandux a priori jeskludi sejbien ta' ħtija għall-akkużi li jkunu ġew dedotti. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfaċentement ippruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t'Ottubru 2006)."*[7]

***Presumption of facts*** **u provi ċirkostanzjali**

Il-Qorti qabel tgħaddi biex tanalizza l-imputazzjonijiet tħoss li għandha tagħmel espożizzjoni dwar il-*presumption of facts* u l-provi ċirkostanzjali.

Fi kliem Sir Rupert Cross,

> *Presumptions of fact (*praesumptiones hominis*) are merely frequently recurring examples of circumstancial evidence, and instances which have already been mentioned are the presumption of continuance, the presumption of guilty knowledge arising from the*

[7] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deċiża fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deċiża fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deċiża fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deċiża fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deċiża fit-13 ta' Jannar 2016).

*possession of recently stolen goods and the presumption of unseaworthiness in the case of a vessel which founders shortly after leaving port. These are all inferences which may be drawn by the tribunal of fact.*[8]

Bħala eżempju ta' prova indizzjarja li minnha wieħed jista' jiġbed konklużjoni partikolari, l-istess awtur jagħti l-eżempju tad-drawwa (*habit*):

*The fact that someone was in the habit of acting in a given way is relevant to the question whether he acted in that way on the occasion into which the court is inquiring.*[9]

U fl-edizzjoni tal-2018 ta' **Archbold** jingħad hekk dwar preżunzjonijiet ta' fatt:

These are inferences which the court may draw from the facts which are established, but it is not obliged to draw.

For example where a defendant charged with handling stolen goods is found to be in possession of those goods without any explanation, this circumstantial evidence may give rise to a provisional conclusion that the defendant is the handler of those goods.

In some cases a rebuttable presumption of law imposes a legal burden of proof which must be satisfied to the requisite standard of proof in order to rebut the presumption, whereas

---

[8] Cross, R., Cross on Evidence Butterworths (London), 1979, p. 124. Ikkwotat mill-Prim Imħallef Vicent Degaetano fl-Appell Kriminali Inferjuri Il-Pulizija vs Louis Gauci Borda deċiż 24 ta' April, 2002: Appell Nru 228/2001

[9] ibid. p. 40.

some presumptions merely impose an evidential burden. For example, the presumption that a machine was working properly may be rebutted by merely adducing evidence to the contrary: *Tingle, Jacobs and Co v. Kennedy* [1964] 1 W.L.R. 638. In contrast, in order to rebut the presumption, created by section 74(3) of the Police and Criminal Evidence Act 1984, that the defendant committed an offence of which he was convicted, the Court of Appeal has held that the defence must prove on the balance of probabilities that the defendant did not commit the offence: *Watson* [2006] EWCA Crim. 2308. Similarly, in *Miell* [2008] 1 Cr.App.R. 23, the Court of Appeal treated s.74(3) as shifting the burden of proof onto the accused. In *C*[2011] 1 Cr.App.R. 17, however, the Court of Appeal, without reference to *Watson*, referred, at p.225, to s.74(3) as creating an "evidential presumption" and indicated that "if the defendant does adduce evidence to demonstrate that he is not guilty of the offence, it remains open to the Crown then to call evidence to rebut the denial". In *Clift* [2012] EWCA Crim. 2750 the Court of Appeal indicated that s.74(3) shifts the burden of proof to the defendant and that the prosecution is not required to prove to the criminal standard the matters covered by s.74(3). Equally, in *R. v. O'Leary* [2013] EWCA Crim 1371 the Court of Appeal held at para. 19 that, "The effect of section 74(3) is that the defendant bears the burden of proving that he did not commit the offence".

In *Zawadzka* [2016] EWCA Crim 1712, where evidence of a theft conviction committed in Poland by the defendant was admitted

in a murder trial, the Court of Appeal accepted that the judge should have directed the jury that if the defendant proved on the balance of probabilities that she had not committed the offence then the jury should 'dismiss it from their minds'.

Even where a presumption imposes a legal burden of proof, if the imposition of a legal burden of proof upon the defence would give rise to a violation of art. 6(2) of the ECHR it may be necessary to read down the relevant statutory provision under section 3(1) of the Human Rights Act 1998, in line with the principles that were considered at §§ 10-11 and 10-12, *ante*, such that it merely imposes an evidential burden. Indeed, statute may expressly impose the evidential burden of rebutting a presumption upon the defendant. For example, in relation to the evidential presumptions about consent which section 75 of the Sexual Offences Act 2003 created, s.75(1) provides that:

"… the complainant is to be taken not to have consented to the relevant act unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he consented, and the defendant is to be taken not to have reasonably believed that the complainant consented unless sufficient evidence is adduced to raise an issue as to whether he reasonably believed it."

It appears that the effect of this provision is that the burden of disproving the relevant issue remains on the prosecution provided that evidence that is not merely "fanciful or

speculative" has been adduced to raise the issue: *Ciccarelli*[2011] EWCA Crim. 266.[10]

Huwa minnu li fl-**Artikolu 638(2) tal-Kap. 9** ix-xhieda ta' xhud wieħed biss, jekk emnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ppruvat minn żewġ xhieda jew aktar. Għalhekk jispetta lill-Qorti tara liema hija l-aktar xhieda kredibbli u vero simili fiċ-ċirkostanzi u dan a bażi tal-possibbilta'. Huwa veru wkoll li l-Qorti għandha tqis provi ċirkostanzjali jew indizzjarji sabiex tara jekk hemmx irbit bejn l-imputat u l-allegati reati. Dan qed jingħad għaliex għalkemm huwa veru li fil-kamp penali l-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' hu veru wkoll li provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex il-ġudikant jaċċerta ruħu li huma univoċi.

Fil-fatt il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għal-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-ħmistax (15) ta' Ġunju, 1998 fil-kawża fl-ismijiet **'<u>Il-Pulizija vs Jason Lee Borg</u>'**, fejn kien ġie ritenut li provi jew indizzji ċirkostanzjali għandhom ikunu univoċi, cioe` mhux ambigwi. Għandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkużat mar-reati u ħadd iktar, anzi l-akkużat biss, li huma l-ħati u l-provi li jiġu mressqa, ikunu kompatibbli mal-preżunzjoni tal-innoċenza tiegħu. Illi għalhekk huwa importanti fl-isfond ta' dan il-każ li jiġi ppruvat li kien l-imputat biss li għamel dak li ġie akkużat bih u għalhekk il-Qorti sejra tikkunsidra kwalunkwe prova possibilment ċirkostanzjali li tista' torbot lill-imputat b'mod univoku bir-reati addebitati lilu. Fil-fatt kif ġie ritenut fis-

[10] <u>Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice – 2018</u> Sweet & Maxwell (London), para. 10-15, p. 617-618.

sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta (6) ta' Mejju, 1961 fil-kawża fl-ismijiet **'<u>Il-Pulizija vs Carmelo Busuttil</u>'**,

> "*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li ipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Illi huwa veru li fil-kamp penali, il-provi indizzjarji ħafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti. Hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jiġu eżaminati b'aktar attenzjoni sabiex wieħed jaċċerta ruħu li huma univoċi.

**Archbold** jghid:

> "*Where reliance has been placed by the prosecution on circumstantial evidence the proper approach is to determine whether a reasonable jury properly directed would be entitled to draw an adverse inference from the combination of factual circumstances by dismissing other possible explanations in relation to that evidence: Jabber [2006] EWCA Crim. 2694; G [2012] EWCA Crim. 1756. In London Borough of Haringey v. Tshilumbe, 174 J.P. 41, a senior environmental health practitioner for the local authority had affixed a hygiene emergency prohibition notice to T's premises. After the notice was affixed he returned to the premises and found a group of individuals sitting at a table eating food from plates and drinking from cans. It was alleged that T had failed to comply with the notice as he had continued to operate the premises as a food business. The magistrates held that T had no case to answer as the local authority had produced no evidence that the food and drink that were on the table had been provided to the occupants of the premises by T in the course of a food business. It was held that justices had been wrong to find that there was no case to answer; it could be inferred*

*from the circumstances that the premises were being used for a food business and the defendant should have explained himself at trial. Strong circumstantial evidence may be sufficient for the court to find a case to answer: Danells [2006] EWCA Crim. 628.*[11]

Illi din hija eżattament il-pożizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt ġiet konfermata b'sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgħa ta' Jannar, 1998 fil-kawża fl-ismijiet '**Il-Pulizija vs Emanuel Seisun**'.

Din il-Qorti tħoss u tgħid li provi ċirkostanzjali huma bħal katina li tintrabat minn tarf għal tarf, b'sensiela ta' għoqiedi li jaqblu ma' xulxin u li flimkien iwasslu fl-istess direzzjoni[12].

## KUNSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

Magħmulin dawn l-espożizzjonijiet ġenerali li huma ta' rilevanza għal kull każ, iżda b'mod partikolari għall-każ odjern, il-Qorti sejra issa tgħaddi biex tevalwa r-reati li bihom qiegħed jiġi akkużat l-imputat u jekk tali akkużi irriżultawx ippruvati.

[11] Ibid. Pg. 533 para 8-119

[12] Il-Qorti fliet fid-dettal l-argumenti miġjuba fis-sentenza fl-ismijiet Il-**Pulizija vs Abdellah Berrard et** mogħtija mill-Maġistrat Consuelo Scerri Herrera fid-19 ta' Mejju 2014

**L-ewwel imputazzjoni**

**Offiżi fuq il-persuna – artikoli 214, 215, 216(1)(a)(ii)(iii)(b)(d)(2), 222(1)(a) u 202(h)tal-Kap 9**

Illi d-disposizzjonijet relevanti (fil-Kodiċi Kriminali) dwar klassifikazzjoni tal-offiżi fuq il-persuna fil-kamp penali huma s-segwenti:

*216. (1) L-offiża fuq il-persuna hija gravi, u għaliha tingħata l-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tliet snin -*

*(a) jekk tista' ġġib periklu*

*(i) tal-ħajja; jew*

*(ii) ta' debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem; jew*

*(iii) ta' difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem; inkella*

*(iv) ta' marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib mankament jew sfreġju fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk tkun magħmula b'ferita li tidħol f'waħda mill-kavitajiet tal-ġisem, mingħajr ma ġġib l-ebda waħda mill-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218;*

*(d) jekk iġġib marda tal-moħħ jew tal-ġisem li ddum għal tletin ġurnata jew iżjed, inkella, għal daqshekk żmien, iżżomm lill-offiż milli jmur għax-xogħol tiegħu;*

*......*

*(2) Jekk il-persuna offiża tfieq mingħajr ma kienet qatt matul il-marda, f'periklu attwali tal-ħajja jew tal-konsegwenzi msemmijin fis-subartikolu (1)(a), jitqies li l-offiża setgħat iġġib dak il-periklu fil-każ biss illi dan il-periklu kien probabbli minħabba n-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiża.*

*.......*

*218. (1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn disa'xhur sa disa' snin -*

*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*

*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.*

Illi l-artikolu 216 fuq kwotat jirreferi għall-offiża hekk imsejħa "gravi" u l-artikolu 218 għall-offiża "gravissima".

Illi biex jissussisti r-reat tal-offiża volontarja, hi meħtiega l-intenzjoni ġenerika li wieħed jagħmel ħsara. Huwa ben stabbilit li:

*Jekk l-intenzjoni ta' l-agent tkun li jaghmel hsara, zghira kemm hija zghira dik il-hsara li jkollu f'mohhu li jaghmel, hu irid wiegeb ghall-*

*konsegwenzi kollha li effettivament jirrizultaw bhala konsegwenza diretta ta' l-ghemil tieghu.*[13]

Illi tenut kont li dak li huwa rikjest biex jissussisti r-reat ta' offiża volontarja huwa l-intenzjoni ġenerika li tiġi kawżata ħsara.

Il-Professur Mamo jgħid:

*Looking at the classification of offences as made by the Law, it is not difficult to imagine certain circumstances in which, having regard to the means used by the offender and his mode of action, one may be certain of his intention to produce one rather than the other of the effects therein mentioned. Should there still remain a doubt as to the gravity of the result aimed at by the offender, the principle will naturally apply in dubbio pro reo*[14]*.*

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża **Repubblika vs Domenic Briffa**[15]:

*Fost l-awturi hemm diskordju dwar jekk jistax ikun hemm tentattiv ta' offiza gravi*[16]*. Francesco Antolisei fil-ktieb tieghu Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale I (Giuffre` (Milano), nona edizione, 1986) ighid f'pagna 79:*

*"Quanto al tentativo, la nostra concezione porta ad ammettere che esso possa verificarsi anche nei confronti della lesione grave e della lesione gravissima. Che dal punto di vista naturalistico un tale tentativo sia ipotizzabile, non e` dubbio e per convincersene basta pensare al caso, tutt'altro che infrequente nella pratica,*

[13] Ref **Pulizija vs Emanuel Zammit** Appell Kriminali deċiż 30.03.1998.

[14] Ref op cit paġna 227.

[15] Deċiża fis-16.10.2003.

[16] L-Avukat Ġenerali fin-nota bl-artikoli mhux qiegħed jindika t-tentattiv ta' ferita gravi.

*dell'individuo che getta del vetriolo contro una persona col preciso intento di sfregiarla, senza riuscire a colpirla nel viso. Di fronte al nostro diritto positivo, la giurisprudenza e la prevalente dottrina opinano che non e` consentito parlare di tentativo di lesione grave e gravissima, e ritengono che in ogni caso il reo deve rispondere di tentativo di lesione comune. Tale conclusione, peraltro, se pure in armonia con la premessa da cui viene dedotta, non puo` soddisfare, non soltanto perche` trascura marcate differenze che esistono nella realta`, ma anche perche` assicura al tentativo di lesioni gravi e gravissime un trattamento di estrema benignita`, trattamento che contrasta nel modo piu` stridente con l'inesorabile rigore che viene adottato in caso di consumazione. Di cio` si e` reso conto qualche scrittore, come il Vannini, il quale sostiene l'ammissibilita` del tentativo di lesioni gravi e gravissime, ma a noi sembra che a tale risultato non si possa logicamente pervenire se si accetta la communis opinio che ravvisa nella lesione personale una sola figura criminosa. Accogliendo, invece, il nostro assunto e riconoscendo che non una, ma tre sono le figure di lesione personale, quella conclusione si giustifica; anzi, si rende necessaria. Naturalmente la punizione per tentativo di lesione grave o gravísima presuppone l'accertamento che nel caso concreto il reo mirava a realizzare uno dei risultati di cui all'art. 583. Se a tale accertamento il giudice non puo` pervenire, egli adempiera` il suo compito, applicando - come e` logico e giusto - il canone probatorio in dubio pro reo."*

*Din il-Qorti tara li dana il-bran jaqbel anke mad-dottrina li dejjem giet accetatat mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali taghna, u cioe' li jista' ikollok tentattiv ta' offiza gravi jew tentattiv ta' offiza*

*gravissima,* ***purche' jigi pruvat li l-agent kellu l- intenzjoni specifika li jikkaguna xi wahda min dawk il-konsegwenzi li jikkaratterizzaw l-offiza gravi jew l-offiza gravissima skond il-kaz***[17]*. Hekk, per ezempju, ma jistax ikun hemm dubbju li jekk persuna isawwat mara tqila bl-intenzjoni specifika li ggieghelha tehles qabel iz-zmien jew bl-intenzjoni specifika li dik il-mara tabortixxi, jekk ma jirnexxilhiex fil-hsieb taghha (u salv l-elementi l-ohra kollha tat-tentattiv) huwa koncepibbli d-delitt ta' tentattiv ta' offiza gravi fl-ewwel lok u dak ta' tentattiv ta' offiza gravissima fit-tieni lok.*

Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi** deċiż mill-Prim Imħallef Dr. Vincent De Gaetano fit-30 ta' Lulju 2004 qalet hekk:

**"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant tal-fatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'idejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fid-dawl mhux biss ta' dak li jkun xehed it-**

[17] Sottolinear ta' din il-Qorti.

**tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."**

Il-Qorti tagħmel referenza għall-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Francis Dingli,*** deċiża mill-Qorti tal-Appell nhar it-12 ta' Settembru 1996[18] fejn ġie ritenut:

*"L-ewwel aggravju tal-appellant hu fis-sens li l-ewwel Qorti skartat id-deposizzjoni u opinjoni tal-espert mediku minnha stess nominat – Dr. Joseph L. Grech – u qaghdet fuq dak li t-tabib tal-Polyclinic – Dr. Anthony Xuereb – ghal dak li jirrigwarda n-natura tal-offiza li garrbet f'wiccha Tracey Burke. Dr. Xuereb ikklasifika l-offiza bhala wahda gravi, mentri Dr. Grech, li ezamina lit-tfajla tlett xhur neqsin jumejn wara l-incident ikklasifikaha bhala offiza hafifa u ta' ebda importanza. L-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jghid li offiza hija gravi jekk iggib mankament jew sfregju f'certi postijiet tal-gisem fosthom fil-wicc tal-offiz. Ma huwiex mehtieg li dana l-mankament jew sfregju ikun permanenti jew li jdum ghal certu numru ta' sighat, granet gimghat jew xhur. Jekk, imbaghad, l-isfregju ikun gravi **u** permanenti ikun hemm il-figura tal-hekk imsejjha offiza gravissima kontemplata fl-artikolu 218(1)(b). Ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant tal-fatt (f'dan il-kaz il-magistrat) u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-qorti. L-appellant donnu qed jippretendi li biex il-qorti tiddeciedi jekk offiza iggibx sfregju fil-wicc o meno irid jghaddi certu zmien halli wiehed jara l-effetti li thalli l-ferita in kwistjoni fil-wicc. Dan mhux korrett. Kif ga*

[18] Per Onor. Vincent De Gaetano

*inghad, ghall-finijiet tal-artikolu 216(1)(b) sfregju anke ta' ftit granet, per ezempju sakemm is-suturi jew ponti ikunu ghadhom f'posthom, jammonta ghal offiza gravi, ghalkemm wara li jitnehhew il-ponti u jghaddi iktar zmien il-marka li tibqa' ma tkunx tikkwalifika bhala sfregju. Differenti huwa l-Artikolu 583 tal-Kodici Penali Taljan li jsemmi biss "la deformazione, ovvero lo sfregio permanente del viso" (emfasi ta' din il-Qorti) ghall-finijiet tal-offiza gravissim, filwaqt li ghall-finijiet tal-offiza gravi ma jagheml l-ebda referenza ghall-isfregju jew deformazzjoni la tal-wicc u lanqas tal-partijiet ohra tal-gisem (ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-hmistax (15) ta' Frar, 1958 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Emily Zarb****".*

**X'irriżulta mill-provi:**

L-ewwel nett il-Qorti tagħmilha ċara li hi mhix ħa tidħol jekk il-pulizija kellhom jieħdu passi fil-konfront tal-parte civile u lanqas se tesprimi x'xtip ta' ġrieħi sofra l-imputat. Dan qiegħed ikun dikjarat minħabba l-osservazzjonijiet li għamlet id-difiża fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha.

Il-Qorti lanqas se tidħol fuq il-mod kif ix-xhieda taw il-verżjonijiet tagħhom u kif jidher biċ-ċar li kienu avviċinati mill-parte civile qabel xehdu, fejn il-Qorti kellha anke twissi fuq ix-xhieda li kienu qegħdin jagħtu jekk kinitx il-verita` kollha jew biċċa.

Il-Qorti lanqas se tidħol fil-kwistjoni li żviluppat wara li ntemmet ir-relazzjoni ta' bejn l-imputat u l-parte civile għalkemm il-Prosekuzzjoni

użat din ir-relazzjoni bħala aggravju għall-piena jekk tinstab ħtija. Filwaqt li l-Qorti tifhem li l-parte civile tinsab imweġġa' minn kif żviluppat ir-relazzjoni ta' bejniethom, ħadd m'għandu jistenna li l-Qorti tkun parteċipi f'xi vendetta kontra xi ħadd.

Sintesi tal-fatti juru:

(i) L-imputat u l-kwerelanta kellhom relazzjoni, li ġiet mitmuma minħabba nuqqas ta' qbil bejniethom;

(ii) Dan seħħ ftit qabel il-Marsovin Wine Festival li saret fil-bajja tar-Ramla l-Ħamra f'Għawdex;

(iii) L-imputat kien laħaq qata' l-biljetti tiegħu u tal-ex-sieħba tiegħu għal dak il-festival, u flok ma ramihom, huwa ddeċieda li jitla' ma' missieru xorta waħda;

(iv) Inzertat li l-kwerelanta telgħet ma' xi ħbieb tagħha għal dak il-festival ukoll;

(v) Waqt il-festival, il-kwerelanta rċeviet telefonata li l-imputat kien ukoll fil-Wine Festival[19];

(vi) Il-kwerelanta jidher li marret tfittxu għal xi l-10.00 PM u sabitu jitkellem ma' xi ħbieb tagħha. L-imputat isostni li kienet hi li pppruvat tkellmu u l-imputat evita li jkellimha[20];

[19] xhieda a fol. 44

(vii) Mix-xhieda tagħha ma jirriżultax li matul il-festival l-imputat avviċina jew dejjaq jew li pprova jipprovoka. Lanqas mix-xhieda tal-ħbieb li kienu mal-kwerelanta u tkellmu mal-imputat ma jirriżultax li b'xi mod huwa kellimha, jew dejjaqha jew li pprovokaha. Skont il-kwerelanta, hi rċeviet it-telefonata għal xi l-10.00 PM u kien biss meta l-imputat ġie biex joħrog mill-festival u jitlaq lura wara li kien spiċċa kollox għal xi 12.30 AM li seħħ l-inċident;

(viii) L-inċident seħħ meta spiċċa l-festival u n-nies kienu qegħdin jitilqu. Seħħ meta l-imputat kien ħiereg isuq bil-mod minħabba l-folla tan-nies li kien hemm, u hu jgħid li ħabta u sabta jisma' daqqa qawwija mal-bieba fuq il-ġenb tal-karozza u meta ħares ra lill-kwerelanta. Niżel biex jara x'ġara;

(ix) Kien dak il-ħin li seħħ il-kuntatt bejniethom li wassal biex inkisret it-tazza u weġġgħet il-kwerelanta u skont l-imputat anke hu sofra xi ġrieħi.

Ma hemmx kontestazzjoni li fl-inċident il-*parte civile* sofriet offiża konsistenti "*f'qasma bazikament f'subghajha l-kbir tar-right*", kif xehed Dr. Frank Casha mill-Isptar Ġenerali t'Għawdex, u fi kliemu wkoll ikklasifikaha bħala grevious "*minhabba l-post*" fejn saret din il-qasma. L-imputat f'istess inċident sofra wkoll " *a lacero contused would over right hand*". It-tabib ikklasifika l-offiża ta' waħda bħala gravi minħabba l-parti

---

[20] xhieda a fol. 45

tal-ġisem fejn l-offiża ġiet ikkawżata u l-espert tal-Qorti Edward Cherubino ddikjara li hi waħda permanenti.

Il-Qorti tħoss li għandha hawn tikkwota mix-xhieda tal-espert Cherubino liema kwotazzjonijiet ippreżentathom il-parte civile fin-Nota tagħha:

<u>*Il-Qorti:*</u>
*Issa, imma jekk din ikollok xi haga f'idejk u tinkiser, jigifieri waqt argument, tista' tigi din il-ferita'? Qed nargumentaw jiena u int u int ghandek tazza f'idejk, u jien b'xi mod qed nargumenta jiena u int, b'xi mod inkisret din, issa mbaghad naraw kif inkisret,*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Imma jekk inksiret u waqghet il-hgieg, le.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*Issa, inkisret … le, kif giet dik il-ferita, mhux kif jaqa l-hgieg mal-art.*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Ezatt. Mela jkolli t-tazza f'idejja, timbuttani inti, it-tazza nkisret u ovvjjament b'dik it-tazza mkissra tista' tiftah dik il-ferita.*
<u>*Il-Qorti:*</u>
*Jigifieri jien jekk nimbuttak, anka jekk ma jkolli xejn f'idi u hekk u inti jkollok f'idejk tazza jew xi haga ohra, tista' tigi dik il-ferita?*
<u>*Ix-xhud:*</u>
*Iva, tista'.*
…
<u>*Dr Mario Scerri:*</u>
*Minn dak li kkonstatajt int mill-fatti -*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Bazikament li stajt nifhem huwa li kien hemm argument, kellha t-tazza f'idejha, giet qisu mbuttata jew xi haga u t-tazza nkisret u qatghet idejha. Issa, it-tazza tinkiser nahseb kien hemm naqra ovvjament pressure fuqha biex tinkiser tazza. …*

…

<u>*Dr Mario Scerri:*</u>

*Kien hemm forma ta' pressjoni fuq idha biex inkisret it-tazza.*

<u>*Ix-xhud:*</u>

*Iva*

Il-Prosekuzzjoni ressqet żewg xhieda li kienu preżenti dakinhar li seħħ l-argument bejn l-imputat u l-*parte civile*. Dawn kienu Abigail Cutajar u Josianne Brincat li t-tnejn li huma xehdu li ma rawx l-inċident iseħħ u lanqas semghu x'qalu l-partijiet lil xulxin qabel seħħ l-inċident. Ikkonfermaw ukoll li filwaqt li l-imputat ma kellu xejn f'idejh, il-*parte civile* kellha t-tazza tal-inbid f'idha. Minn din ix-xhieda ta' dawn it-tnejn ma jitfgħu assolutament ebda indizju ta' kif seħħ l-inċident bejn l-imputat u l-*parte civile*.

Ix-xhud Abigail Cutajar xehdet fis-16 ta' Frar 2019 li fit-3:20 ta' filgħodu tat-3 ta' Awwissu 2019, Aaron Guazzo bagħtilha messaġġ fejn qalilha, "*Sorry of what happened but she kicked my car after passing in front of her*". Dan il-messaġġ jikkonferma l-inċident ta' bejniethom iżda ma jindika xejn dwar kif seħħ l-inċident.

Il-Qorti fliet bir-reqqa kollha dovuta l-provi miġjuba mill-partijiet f'dan il-każ u tinsab rinfaċċjata b'kunflitt fil-provi liema kunflitt ihalli dubji serji dwar kif sofriet il-ġrieħi l-parte civile. Il-Qorti jidrilha li jeżisti dubju rejali u fondat li l-imputat effettivament irrejaġixxa b'mod spontanju u naturali f'dan il-mument, iżda ma kienx hu li kkaġuna l-ġrieħi f'id il-parte civile li waqt l-argument kellha t-tazza f'idha u l-imputat ma kellu xejn f'idu. Anke li kieku l-Qorti kellha tasal li l-ġrieħi wettaqhom l-imputat, il-ħsara minnu kaġunata ma kinitx volontarja jew intiża bhala ritaljazzjoni.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn** deċiza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet *'... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx'* (ara wkoll **Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino** 19 t'Ottubru 2006)."

**<u>It-tieni imputazzjoni</u>**

**<u>Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9</u>**

Bħala kunsiderazzjoni legali in konnessjoni ma' din il-kontravenzjoni, din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Mario Camlleri** deċiża nhar it-30 ta' Settembru 2009:

> *"Skond il-gurisprudenza Il-Pulizija versus Joseph Frendo*[21]*' it-theddid ifisser li agent ikun qed jippospetta lil persuna oħra ħsara ingusta. 'Il-Qorti hi soddisfatta li bid-diskors li qal l-appellant lil John Casa ……u specjalment bil-mod kif intqal dan id-diskors u bil-gesti li akkumpunjaw l-istess diskors, l-appellant kien qiegħed effettivament jhedded lill-imsemmi Casa. Fil-kuntest tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9, theddid tfisser li l-agent jipprospetta lil persuna oħra ħsara ingusta fil-futur (ħsara li pero' ma tkunx tammonta għal reat ieħor ikkontemplat band'oħra fil-kodiċi, e.ż. l-artikolu 249) liema ħsara tkun ukoll ipprospettata li tiddependi mill-volonta' tal-istess agent."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Karmenu Cutajar versus Pawlu Cassar** ingħad li: *"Meta bniedem, wara kwistjoni li kellu ma ieħor, jieħu atteggjament li jħalli fl-istanti l-impressjoni li hu qiegħed ilesti ruħu għall-glied, dak l-attaggjament jammonta għal minaccja reali u verbali."*[22]' Theddida lanqas ma titlef mis-serjeta` taghha jekk tkun kundizzjonata.[23]

Ingħad ukoll li minaċċja ma titlifx mis-serjeta` tagħha billi tkun

[21] Deċiża mill-Qorti talAppell Kriminali (Inferjuri) fis-7 ta' Lulju 1995.

[22] Deċiża mill-Imhallef Dr W. Harding fil-25 ta' Ġunju 1952.

[23] Ara Stella Bugeja vs Rosina Bugeja tal-31 ta' Jannar 1949

kundizzjonata. Antolisei jisħaq li: *" e` sufficiente che la minaccia sia tale da turbare la tranquillita` delle persone a cui e` rivolta, come nel caso che taluno dica ad un altro 'ti faro' vedere di che cosa sono capace."*[24]

Illi din l-akkuża li taħtha l-imputat qed jiġi akkużat hi ta' natura kontravvenzjonali u taqa' bil-preskrizzjoni tal-għeluq ta' tliet (3) xhur. Jirriżulta mill-atti li meta ġie notifikat l-imputat, it-tliet (3) xhur kienu laħqu għaddew kif jirriżulta mir-riferta esibita fl-atti, u għaldaqstant din l-akkuża tinsab kolpita bit-trapass ta' tliet (3) xhur u l-azzjoni hi estinta.

**DECIDE:**

Għal dawn il-motivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tilliberah minnhom.

| | |
|---|---|
| ____________________ | ____________________ |
| **Dr. Joseph Mifsud** | **Mary Jane Attard** |
| **Maġistrat** | **Deputat Reġistratur** |

[24] Antolisei F. (1986) Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale' (Milano Giuffre)